**KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ**

**AĠENDA NUMRU 54 – 7 ta’ Novembru 2018**

***Minuti tat-54 laqgħa tal-Kunsill tat-Tmien Legislatura tal-Kunsill Lokali ta’ Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar fis-7 ta’ Novembru, 2018 fis-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta’ Haz-Zebbug iltaqa’ fl-ufficcju amministrattiv tiegħu fi Triq Frans Sammut fis-6:00pm ta’ filgħaxija sabiex issir Agenda Numru 54. Il-laqgha bdiet fil-6:15pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Sarah Agius** | Sindku |
| | **Christopher Bongailas** | Kunsillier |
| | **Philip Said** | Kunsillier |
| | **Roderick Aquilina** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| **Assenti b’Apologija:** | **Alfred Grixti** | Vici-Sindku |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Vernalise Scicluna** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| **Assenti :** | **Ħadd** | |
| **Pubbliku:** | **Mr. Robert S. Tabone** | Works’ Co-ordinator |
| **Ufficċjal prezenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Ezekuttiv |

**54.1 Qari tal-Ittri tal-Apologiji**

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-Vici-Sindku Alfred Grixti, l-Kunsillier George Cortis, l-Kunsillier Vernalise Scicluna u l-Kunsillier Clive Azzopardi kienu nfurmawha li ma setghux jattendu.

**54.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Is-Sindku Sarah Agius pproponiet li l-minuti ta' laqgha nru 53 jigu approvati. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Roderick Aquilina. Kien hemm qbil mill-kumplament tal-Kunsilliera li l-minuti jigu approvati kif prezentati.

**54.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

54.3.1 Is-Sindku Sarah Agius ipprezentat pjanti tal-librerija mhejjija mill-Perit tal-Kunsill. Gie nnutat li l-Kunsill kien qed jaqbel li z-zebgha tal-faccata issir kollha bajda, filwaqt li l-aperturi jsiru kollha tal-PVC.

54.3.2 Is-Sindku Sarah Agius nfurmat lill-Kunsill li Triq tal-Hlas li nqalghet bi zball mill-kuntrattur li qed jiehu hsieb il-parti ta' Hal Qormi, u li issa ha tidhol ghaliha Infrastructure Malta.

54.3.3 Is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsill li hemm applikazzjoni sabiex tigi mcaqalqa pompa tal-petrol minn Ta Xbiex ghal Mdina Road, Haz-Zebbug. Ghaldaqstant minhabba li s-sit identifikat huwa ODZ, tali talba zgur li ghandha tigi mhux approvata mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ghandha tinkiteb oggezzjoni f'dan ir-rigward.

54.3.5 Is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsill li fi Triq Luret Cutajar intalab permess sabiex fi plot vojt isir hub tal-containers. Il-Kunsill qabel li minhabba li din iz-zona hija

kollha ODZ u minhabba anke l-ammont ta' traffiku li jiccirkola fiz-zona, u primarjament minhabba li din iz-zona tinsab fuq Wied Qirda u anke ghaliex l-infrastruttura tat-toroq zgur ma tiflahx ghal dak it-toqol konsistenti, ghandha titressaq oggezzjoni minnufih.

54.3.6 Is-Sindku Sarah Agius nfurmat lill-Kunsill li l-Bord inkarigat mit-Tismija tat-Toroq laqa' t-talba sabiex tissemma' triq ghall-Professur Zammit filwaqt li l-proposta li t-triq l-ohra tissemma ghal Pina Attard ma gietx milqugha. Il-Kunsill qabel li ghandu jappella minn din id-decizjoni.

**<u>54.4 Gnien it-Tfulija</u>**

Is-Sindku Sarah Agius qalet li x-xoghol miexi fuq Gnien it-Tfulija u ghandu jigi nawgurat fil-bidu ta' Dicembru 2018.

**<u>54.5 Tenders</u>**

Il-Kunsill beda jiddiskuti it-Tender dwar il-Binja tal-Kunsill u Day Centre, pero qabel li dan jigi diskuss wara li jkun hemm spjega mill-Perit dwar il-kontenut kollha tat-tender Ghaldaqstant gie miftiehem li issir laqgha ohra meta kulhadd ikun disponnibli.

**<u>54.6 Milied 2018</u>**

Is-Sindku Sarah Agius nfurmat lill-Kunsill li l-preparamenti qabdu ritmu tajjeb, wara diskussjoni gie maqbul li jitqabbad organiser Noel Castillo sabiex jiehu hsieb l-attivita'. Gie maqbul li l-ispejjez ghal din l-attivita' m'ghandhomx jaqbzu Eur3000. Is-Sindku semmiet ukoll li apparti dan l-ammont huwa xieraq li jitpogga billboard li jirreklama din l-attivita f'post prominenti. Din tammonta ghal Eur1000. Il-Kunsill qabel li ghandu jsir hekk.

**54.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Wara li saret diskussjoni s-Sindku resqet l-iskeda tal-pagamenti ghall-approvazzjoni. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Philip Said. Il-Kunsillier Chris Bongailas astjena mill-vot lil Mario Cachia. Il-kumplament tal-vot gie approvat unanimament.

**54.8 Twegibiet  Ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mill-Kunsilliera.

**54.9 Tmiem tal-Laqgha u Data tas-Seduta li jmiss**

Il-laqgha giet aggornata ghas-14 ta' Novembru 2018 fis-16:30 pm. Din il-laqgha spiccat fit-8:05pm.

| | |
|---|---|
| **Sarah Agius** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |